MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1833/2001/1

Carmel sive Charles Borg

Vs

Gelat D’Or Limited, Laurence Victor u Michelle Doreen konjugi Xuereb u Roderick Fenech

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta’ Novembru 2001 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-konvenuti huma ko-debituri flimkien u solidalment fil-konfront tieghu fis-somma ta’ hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500.00) rapprezentanti l-import ta’ serje ta’ hames kambjali datati disgha (9) ta’ Frar 2001, l-ewwel kambjala ghall-valur ta’ elfejn u hames mitt lira maltin (LM2,500), ir-rimanenti erbgha kambjali ghall-valur ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (LM750) kull wahda, liema kambjali gew mahruga lil Christine Xuereb u girati lilu minnha fis-sittax (16) ta’ Marzu 2001, skond kopji annessi; illi l-imsemmija

kambjali skadew rispettivament u b'mod sekwenzjali fid-9 ta' Marzu, 2001, fid-9 ta' April, 2001, fid-9 ta' Mejju, 2001, fid-9 ta' Gunju, 2001 u fid-9 ta' Lulju, 2001, kif jirrizulta mill-istess; illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju, 2001 baqghu la rrispondew ghal tali interpellazzjoni u lanqas adempew ghaliha, u ili d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk in vista tad-dikjarazzjoni attrici, kif ukoll tal-affidavit anness a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12, jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smigh; talab li din il-Qorti:-

1. tiddecidi din il-kawza skond is-segwenti talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tiddikjara lill-konvenuti ko-debituri flimkien u solidalment fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' hamest elef u hames mill lira maltin (LM5,500), bl-imghax kummercjali ta' 8% mid-data tar-rispettivi skadenzi sad-data ta' l-effettiv pagament;
3. previa kull dikjarazzjoni ohra necessarja, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont komplessiv ta' LM5,500 bl-imghax kummercjali ta' 8% mid-dati tar-rispettivi skadenzi sad-data tal-effettiv pagamenti.

Bl-ispejjes legali, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju 2001 u tal-mandat ta' sekwestru li qieghed isir kontestwalment fl-istess ismijiet, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Jannar 2002 meta l-konvenuti talbu li jinghataw il-fakolta' li jikkontestaw it-talba attrici "*billi l-kambjalijiet in kwistjoni kienu marbuta ma obbligazzjoni principali naxxenti minn ftehim tad-9 ta' Frar 2001 u li ma ghandhom ebda validita' mehuda separatament mill-istess ftehim.*"

Il-partijiet inghataw l-fakolta' li jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet dwar l-ammissibilita' tal-eccezzjonijiet

tal-konvenuti – liema noti saru, kif ukoll gew prezentati kopja tal-ftehim imsemmi kif ukoll kopja tal-proceduri istitwiti mill-konvenuti kontra Christine Xuereb li kienet ittrasferiet l-avvjament u l-effetti mobbli formanti parti minn negozju in konnessjoni ma liema trasferiment kienu inhargu l-kambjali in kwistjoni. Dawn eventwalment gew girati favur l-attur odjern.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti tenut kont tal-awtonomija tal-kambjala minn kwalunkwe obbligazzjoni principali li tkun tat effett ghal hrug tal-istess kambjala, tenut kont ukoll illi l-attur ma huwiex l-pussessur originali tal-kambjali in kwistjoni izda giratarju, b'mod li huwa ma ghandu ebda relazzjoni mal-konvenuti hlief dik naxxenti mill-kambjali mertu tal-kawza; wara li rat l-artikoli 197, 198 u 199 tal-Kodici tal-Kummerc tichad it-talba tal-konvenuti billi nfondata.

Il-Qorti ghalhekk issa ser tghaddi biex tiddecidi l-kawza a termini ta' l-artikolu 170 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-konvenuti ma resqux prova a sodisfazzjon tal-Qorti li huma ghandhom eccezzjonijiet prima facie, fil-ligi jew fil-fatt xi jgibu kontra l-mertu tal-azzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment ihallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef u hames mitt lira maltin (LM5,500) import ta' hames kambjali fuq imsemmija bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija fis-sena mid-dati tar-rispettivi skadenzi sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjes kollha tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri